VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,922, 29 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 186 tal-2012

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)
Regolamenti tal-2012 dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 698 tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

DĦUL

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità. Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa biex tiġi implimentata d-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE rigward il-kumpens li għandu jingħata lil vittmi ta' reati.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"delitt volontarju bi vjolenza" tfisser att li jikkostitwixxi delitt imsemmi fl-artikoli 198, 204A(1)(a), 211 u 216 tal-Kodiċi Kriminali meta jitwettqu b'xi mezz imsemmi fl-artikoli 217, 218, 312, 314A(2), 314B(2) u 314CB(1) u (2) tal-imsemmi Kodiċi u d-delitti msemmija fl-artikoli 316 u 317 tal-imsemmi Kodiċi meta, bħala riżultat tat-twettiq tagħhom, persuna tmut jew iġġarrab offiża gravi fuq il-persuna; Kap. 9.

"dipendenti" tfisser il-persuni mantnuti mill-mejjet u l-persuni li kellhom jedd bil-liġi li jitolbu li jiġu mantnuti mill-mejjet;

"ħsara kkawżata mill-kriminalità" tfisser kull ħsara mġarrba bħala konsegwenza ta' att kriminali vjolenti kif imfisser skont dawn ir-regolamenti;

"kumpens" tfisser kumpens li jitħallas taħt għotja;

"għotja" tfisser għotja ta' kumpens magħmula skont kif previst fid-disposizzjonijiet tal-Iskema msemmija fir-regolament 9;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja;

"Skema" tfisser l-iskema li taħtha persuni li jġarrbu ħsara mill-kriminalità jistgħu jkunu eliġibbli għal kumpens taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"Uffiċjal Assistent" ifisser persuna maħtura taħt ir-regolament 3, li tkun l-awtorità għall-assistenza;

"Uffiċjal dwar it-Talbiet" tfisser l-Avukat Ġenerali.

Ħatra tal-Uffiċjal Assistent.

3. L-Uffiċjal Assistent jiġi maħtur mill-Ministru taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet skont kif iqis xierqa u għandu jilqa' applikazzjonijiet u jassisti fil-valutazzjoni tagħhom skont kif previst f'dawn ir-regolamenti.

Applikazzjoni għal kumpens.

4. (1) L-applikazzjonijiet għal kumpens skont dawn ir-regolamenti għandhom jiġu sottomessi fil-formula kif speċifikata fl-Iskeda.

(2) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom magħhom rapport tal-pulizija.

(3) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi mhux aktar tard minn sena wara li jkun twettaq id-delitt volontarju bi vjolenza.

(4) Applikazzjoni għal kumpens, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċjal Assistent li għandu imbagħad jaddiha lill-Uffiċjal dwar it-Talbiet li jiddeċiedi dwar l-għotjiet u ħlasijiet ta' kumpens.

(5) L-Uffiċjal dwar it-Talbiet jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jitlob kull xiehda addizzjonali oħra bil-ġ]an, fost affarijiet oħra, li jiżgura li ma jkunx ingħata jew ma jkunx ser jingħata kumpens minn xi għejjun oħra inkluż, jekk ikun meħtieġ, affidavit mill-applikant.

(6) L-Uffiċjal dwar it-Talbiet jista' ukoll, fid-diskrezzjoni tiegħu, jitlob li l-applikant isirlu jew isirlu mill-ġdid eżami mediku għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Proċessar ta' applikazzjonijiet

5. Il-persunal tal-Uffiċjal dwar it-Talbiet għandu jipproċessa l-applikazzjonijiet mingħajr dewmien u jista' jitlob li jingħata kull informazzjoni rilevanti rigward iċ-ċirkostanzi tal-ħsara kkawżata mill-kriminalità jew mill-applikant jew mod ieħor.

TAQSIMA II

ELIĠIBILITÀ GĦAL KUMPENS

Delitti koperti bl-Iskema.

6. L-Iskema għandha tapplika biss għal dak li jirrigwarda ħsarat ikkawżati mill-kriminalità, kif imfissra, u skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Kwalifika għall-kumpens.

7. Biex wieħed jikkwalifika għall-kumpens, l-applikanti jkunu meħtieġa li juru lill-Uffiċjal dwar it-Talbiet li r-reat li ta lok għall-ħsara kkawżata mill-kriminalità kien il-mertu ta' proċeduri kriminali jew li ġie rrapurtat lill-Pulizija ming]ajr dewmien.

Eliġibilità biex wieħed japplika għal kumpens.

8. Il-kumpens jista' jitħallas skont kif tipprovdi l-Iskema:

(a) lil applikant li jkun ġarrab ħsara kkawżata mill-kriminalità fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2006; u

(b) meta l-vittma ta' ħsara mġarrba fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2006 tkun mietet minn dak iż-żmien, lil applikant li jikkwalifika biex jagħmel it-talba għall-finijiet tar-regolament 9(2)(d).

Jedd għall-kumpens.

9. (1) Għandhom jedd għall-kumpens:

(a) iċ-ċittadini ta' Malta; u

(b) ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; u

(ċ) persuni li huma abitwalment residenti f'Malta.

(2) L-Uffiċjal dwar it-Talbiet jiddeċiedi dwar talbiet għal kumpens magħmula minn jew f'isem:

(a) il-persuna li kienet il-vittma tad-delitt;

(b) kull min isir responsabbli għall-manteniment tal-vittma u li jkun ġarrab telf ta' flus jew sofra xi spejjeż bħala konsegwenza tad-delitt;

(ċ) meta l-vittma tkun tilfet ħajjitha bħala konsegwenza tal-ħsara kkawżata mill-kriminalità, kull dipendenti tal-vittma jew, jekk ma jkollha ebda dipendenti, kull min ikun għamel xi spejjeż bħala konsegwenza tal-mewt tagħha;

(d) meta l-vittma tkun mietet wara li ġarrbet il-ħsara kkawżata mill-kriminalità, kull dipendenti tal-vittma kif previst fl-artikoli 1045, 1046, 1047 u 1048 tal-Kodiċi Ċivili.

Kap. 16.

Każijiet fejn għtja tista' tiwaqqaf jew titnaqqas.

10. L-Uffiċjal dwar it-Talbiet jista' jwaqqaf jew inaqqas mill-għotja meta jidhirlu li:

(a) l-applikant naqas milli jieħu, mingħajr dewmien, il-passi kollha raġonevoli biex jgħarraf lill-Pulizija, jew lil korp jew persuna oħra li l-Uffiċjal dwar it-Talbiet iqis li jkunu xierqa għal dak il-g]an, biċ-ċirkostanzi li taw lok għad-delitt; jew

(b) l-applikant naqas milli jikkopera mal-Pulizija jew awtorità oħra sabiex l-aggressur jinġieb quddiem il-qorti; jew

(ċ) l-applikant naqas milli jipprovdi l-għajnuna kollha raġonevoli lill-Uffiċjal dwar it-Talbiet jew korp jew persuna oħra fir-rigward tat-talba; jew

(d) l-imġiba tal-applikant qabel, waqt jew wara l-inċident li jagħti lok għat-talba jagħmilha mhux xieraq li tingħata għotja sħiħa jew saħansitra xi għotja; jew

(e) il-karattru tal-applikant kif jidher mill-fedina penali tiegħu jew minn evidenza f'idejn l-Uffiċjal dwar it-Talbiet jagħmilha mhux xieraq li tingħata għotja sħiħa jew saħansitra xi għotja; jew

(f) il-vittma kienet konġunatament jew parzjalment responsabbli għall-ħsara kkawżata mill-kriminalità li tkun sofriet; jew

(g) l-imġiba tal-applikant, il-karattru tiegħu jew il-mod kif jgħix jagħmluha mhux xieraq li jingħata għotja.

Ebda kumpens.

11. Ma jitħallas ebda kumpens taħt din l-Iskema meta:

(a) il-ħsara mill-kriminalità tkun ġiet imġarrba qabel l-1 ta' Jannar, 2006;

(b) l-Uffiċjal dwar it-Talbiet jidhirlu li l-applikant mhuwiex fil-bżonn jew sakemm ma tingħatax prova li l-azzjoni legali biex jintalab kumpens ma kellhiex suċċess;

(ċ) l-applikant, fl-opinjoni tal-Uffiċjal dwar it-Talbiet, naqas milli jipprovdi l-għajnuna kollha raġonevoli u l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(d) l-applikant kien responsabbli għall-ħsara kkawżata

mill-kriminalità minħabba f'provokazzjoni jew xi azzjoni oħra tiegħu;

(e) l-Uffiċjal dwar it-Talbiet hu sodisfatt li l-imġiba tal-applikant, il-karattru tiegħu jew il-mod kif jgħix jagħmluha mhux xieraq li jingħata għotja.

Kumpens iffissat skond l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

12. Meta l-Qorti Kriminali, bis-saħħa tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali tkun diġà ffissat il-kumpens li għandu jitħallas lill-vittma jew lill-vittmi tal-ħsara kkawżata mill-kriminalità, l-Uffiċjal dwar it-Talbiet ma jiddeċidiex dwar dik it-talba iżda jgħaddi biex iħallas il-kumpens bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA III

PROĊEDURI U ĦLASIJIET

Proċeduri.

13. L-Uffiċjal dwar it-Talbiet ikun liberu li jirrediġi u jippublika kull istruzzjoni li jqis meħtieġa fir-rigward tal-proċedura għat-tmexxija ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u mal-għan ġenerali li t-tmexxija ta' dawn ir-regolamenti u, b'mod partikolari, il-proċeduri quddiem l-Uffiċjal dwar it-Talbiet ikunu informali.

Assistenza legali.

14. Applikant jista' jkun assistit mill-konsulent legali tiegħu jew minn persuna oħra, bi spejjeż tiegħu nnifsu.

Smigħ isir fil-magħluq.

15. Is-smigħ isir fil-magħluq.

Grad ta' prova.

16. Il-grad ta' prova, li l-Uffiċjal dwar it-Talbiet japplika meta jiddeċiedi dwar xi talba, ikun dak ta' bilanċ ta' probabilità.

Kif isir il-ħlas.

17. Il-kumpens isir permezz ta' ħlas ta' darba f'daqqa, aktar milli pensjoni fuq perjodu ta' żmien:

Iżda l-Uffiċjal dwar it-Talbiet ikun jista' jagħmel għotja temporanja u jżomm lura milli jagħmel għotja finali f'każ fejn hemm dewmien fl-eżami mediku finali tal-ħsara kkawżata mill-kriminalità.

Ħlasijiet.

18. Ebda ħlas lil min jagħmel it-talba ma gandu jkun ta' aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tliet mitt euro (€23,300) u dan l-ammont ma għandux jinqabeż meta jkun hemm aktar minn persuna waħda li jagħmlu talba minħabba fl-istess delitt.

Surroga.

19. Il-Gvern jiġi surrogat fid-drittijiet tal-vittmi tad-delitt kontra min jikkommetti d-delitt, ikunx magħruf jew le.

Danni ċivili.

20. Il-ħlasijiet li jirċievu dawk li jagħmlu t-talba jitqiesu bħala parti mid-danni ċivili mġarrba.

Amministrazzjoni tal-flus mogħtija.

21. L-Uffiċjal dwar it-Talbiet jista' jagħmel kull arranġament li jqies xieraq għall-amministrazzjoni tal-flus li jingħataw bħala kumpens.

Revoka tar-Regolamenti tal-2007 dwar Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità. A.L. 190 tal-2007.

22. (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), ir-Regolamenti tal-2007 dwar Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti revokati", huma b'dan revokati, mingħajr ħsara għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kull talba li hemm pendenti taħt ir-regolamenti revokati għandu jkompli s-smigħ tagħha u għandha tiġi ttrattata taħt dawn ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu fir-rigward ta' dik it-talba pendenti.

B 1513

SKEDA

APPLIKAZZJONI GĦAL KUMPENS MINĦABBA ĦSARA KRIMINALI.*

Taqsima I **Dettalji personali**																			
Isem u kunjom																			
Indirizz																			
Nru tal-Karta tal-Identità																			
Telefon	**Linja fissa**									***Mobile***									
Indirizz elettroniku																			
F'każ ta' applikant li jitlob bħala applikant li jikkwalifika:																			
Isem u kunjom tal-vittma l-mejjet																			
Data tal-mewt tal-vittma	_____/_____/_____																		
Xorta u grad ta' dipendenza fuq il-vittma il-mejjet																			
Taqsima II **Tagħrif li għandu jingħata**																			
A. Data ta' meta ġie kommess id-delitt	_____/_____/_____																		
B. Lok tal-kommissjoni tad-delitt																			

C. Deskrizzjoni fil-qosor tax-xorta u konsegwenzi tad-delitt

B 1514

D. Identità tal-aggressur jekk magħrufa
E. Passi meħuda sabiex il-pulizija, jew korp jew persuna oħra jiġu mgħarrfa biċ-ċirkostanzi li taw lok għad-delitt:
F. Koperazzjoni mal-pulizija jew awtorità oħra bil-għan li l-aggressur jitressaq il-Qorti:
G. Jekk l-aggressur tressaq il-Qorti, indika meta u quddiem liema Qorti Kriminali:

H. Il-Qorti Kriminali ġà stabilit xi kumpens li jirid jingħata lill-vittma/i tad-delitt? Jekk iva, agħti d-data tal-ordni.
I. Ittieħdet xi azzjoni legali sabiex jintalab kumpens? Jekk iva, indika x-xorta, meta ittieħdet u, jekk il-proċeduri intemmu, l-eżitu finali tagħhom:
J. Agħti deskrizzjoni biżżejjed tax-xorta (ħsara fiżika, psikoloġika, fuq proprjetà, mentali eċċ.) u safejn waslet (e.ż. diżabbiltà parzjali jew permanenti, spejjeż mediċi u ta' sptar, telf jew tnaqqis ta' qligħ ikkawżat minn impediment temporanju jew permanenti għax-xogħol) il-ħsara kriminali imġarrba, b'indikazzjoni tal-ammont fi flus tal-kumpens hawn mitlub:

Taqsima III **Ċertifikati u dokumenti li għandhom jiġu mehmuża ma' din il-formola**		
1. Att tat-twelid tal-applikant. 2. Att tal-Mewt tal-vittma, skond il-każ. 3. Ċertifikat tal-Kondotta tal-applikant. 4. Rapport tal-Pulizija dwar id-delitt inkwistjoni. 5. Affidavit tal-applikant li jikkonferma li ebda kumpens ma ingħata dwar id-delitt imsemmi f'din l-applikazzjoni. 6. Kull prova dokumentarja oħra b'sostenn tat-talba hawn magħmula, b'mod partikolari ċertifikati ta' tobba fir-rigward tal-paragrafu J taħt it-Taqsima II hawn fuq. 7. Kull ċertifikat jew dokument ieħor relevanti.		
Firma tal-applikant		
Indika kif int trid li tingħata it-tweġiba: Data: _____/_____/ _____	bil-posta / bl-*e-mail*: jew bl-SMS:	☐ ☐

L-informazzjoni personali prevista f'din l-applikazzjoni ser tkun ipproċessata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data (Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta) u għall-għanijiet previsti fir-Regolamenti tal-2012 dwar Skema għal Kumpens għal Ħsara kkawżata mill-Kriminalita u għal xi materja oħra anċillari.

L-informazzjoni personali li tirrigwarda lilek mhux ser tiġi żvelata lil terzi mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħek sakemm dan ma jkunx espressament meħtieġ bil-liġi.

*Int għandek id-dritt li titlob aċċess għad-*data *personali tiegħek kif ukoll id-dritt li tirrettifika u, fejn ikun applikabbli, tħassar kull* data *personali li tkun żbaljata, mhux kompleta jew immaterjali, li tkun ġiet ipproċessata mill-Uffiċjal Assistent u/jew mill-Uffiċjal dwar it-Talbiet.*

*Jien, b'dan, nawtorizza lill-Uffiċjal Assistent u/jew lill-Uffiċjal dwar it-Talbiet biex jipproċessaw d-*data *li tinsab f'din l-applikazzjoni għall-għan/ijiet fuq imsemmija.*